

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-9 ta' Marzu 2016, fil-Każ R 489/2015-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara l-invalidità tat-trade mark Nru 8 500 548;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż;
- tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżzentat fit-13 ta' Ġunju 2016 – Marsh vs EUIPO (ClaimsExcellence)

(Kawża T-308/16)

(2016/C 287/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Marsh GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Riegger, avukat)

Konvenut: L-Ufficċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “ClaimsExcellence” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 847 462

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2016 fil-Każ R 2358/2015-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tal-proċedimenti tal-appell quddiem l-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2016 – Grupo Riberebro Integral u Riberebro Integral vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-313/16)**

(2016/C 287/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Grupo Riberebro Integral, SL (Alfaro, Spanja) u Riberebro Integral, SA (Alfaro, Spanja) (rappreżentanti: R. Allendesalazar Corcho u A. Rincón García-Loygorri, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- skont l-Artikolu 263 TFUE, tannulla l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2016) 1933 finali, tas-6 ta' April 2016, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, fil-Każ AT.39965 – Mushrooms, fir-rigward tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti, peress li huwa vvizzjat bi żball manifest ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-fatti li għalihom irrifjutat li tagħti l-linkapaċċità ta' ħlas (inability to pay) lir-rikorrenti.
- sussidjarjament, skont il-ġurisdizzjoni sħiħa mogħtija lilha mill-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 abbażi tal-Artikolu 261 TFUE, temenda l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2016) 1933 finali, tas-6 ta' April 2016, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, fil-Każ AT.39965 – Mushrooms, u tnaqqas is-sanzjoni imposta fuq Riberebro.
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Din il-proċedura hija bbażata fuq it-talba għal klementa ppreżentata minn impija speċifika lill-Kummissjoni Ewropea, dwar il-parteċipazzjoni tagħha fakkordju fis-settur tal-faqqiegħ ippreżervat. Skont it-test tad-deċiżjoni nnifisha, dan l-akkordju kien intiż li jistabbilizza s-suq tal-faqqiegħ u jwaqqaf il-waqgħa tal-prezzijiet f'dan is-suq.

Ir-rikorrenti la jikkontestaw il-fatti u lanqas il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti, li diġà rrikonoxxew meta kkooperaw fil-proċedura ta' klementa u fir-risposta tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-ogħżejjonijiet, li fiha allegaw li qed jirrikonoxxu d-deskrizzjoni u l-evalwazzjoni ġuridika magħmula tal-fatti. F'dan ir-rikors qed tiġi kkontestata l-evalwazjoni u l-proporzjonalità tal-multa imposta.